ŻEBBUĠ

**Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokari taż-Żebbuġ Għawdex Nru 65/2011**

**Il-Laqgħa ssejħet mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv unikament biex jiġu approvati l-estimi finanzjarji.**

**Il-Laqgħa nżammet nhar it-Tlieta l-11 ta' Marzu 2011 fil-5:00pm fil-Bini tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ Għawdex.**

**Preżenti għal-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri - Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sur Carmelo Grima – A/Segretarju Eżekuttiv.**

**Is-Sur Harry Debono avża li ma jistax jattendi u kien skużat.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

**TALBA**

Il-Laqgħa bdiet bit-talba mis-Sindku.

**Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2010**

Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2010 (minn Jannar sa Diċembru) u spjega fuq fuq id-dħul u ħruġ ta' flus li dan il-Kunsill daħħal u ħareġ matul is-sena 2010. Is-Segretarju spjega li fl-aħħar ta' Diċembru kien għad hemm kontijiet li ma tħallsux u kien għad hemm ammonti li konna għad irridu ndaħħlu (accruals).

Il-Kunsillieri ngħataw kopja ta' dawn l-estimi finanzjarji.

Il-Kunsill huwa sodisfatt b'dawn l-estimi l-aktar minħabba l-fatt li l-Kunsill ma jinsabx f'sitwazzjoni ta' dejn.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Carmelo Grima**
***A/Segretarju Eżekuttiv***